MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1416/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Adrian K. Friggieri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Gunju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' mitejn wiehed u hamsin Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmi (Lm251.77), rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum u kera ta' meters ta' l-ilma u ta' l-elettriku, li jammontaw ghas-somma ta' Lm111.78 ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u kwantu ghas-somma ta' Lm139.99 ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond Merill Stationery, Triq il-Pont, Mosta matul il-perjodu minn 19 ta' Lulju 1999 sat-13 ta'

Frar 2003, skond il-kont numru 1000023112 u d-dokument anness ma' l-avviz (WSC1).

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50 ta' l-ittra ufficjali tal-11 t'Ottubru 2004 u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici is-somma ta' mitejn wiehed u hamsin Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmi (Lm251.77), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza u dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-11 t’Ottubru 2004, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------